**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta Awwissu 2023**

**Rikors Nru : 103/2023 JPG**
**Kawza Nru : 27**

**GP**
**Vs**
**CA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 24 ta' Frar 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*IllI l-kontendenti GP u CA kienu zzewgu f'Malta nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u z-zwieg tagħhom gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wiehed tnejn zero wiehed tas-sena elfejn u sbatax (1201/2017), li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. "A"****;*

*Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;*

*Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Joelle Cortis fil-11 ta' Ottubru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), kopja awtentika tal-istess qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. "B"****;*

*Illi l-kontendenti ilhom de facto separati sa minn Novembru 2021 u ghalhekk ilhom mifrudin ghal iktar minn sena mill-ahhar sentejn;*

*Illi kif jirriżulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat **Dok "C",** l-esponenti tiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi l-esponenti tiddikjara ukoll li skont il-kuntratt minnhom iffirmat ma kellu jithallas ebda manteniment minn parti wahda versu l-parti l-ohra;*

*Illi ghaldaqstant ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju jinsabu sodisfatti;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn GP u CA u tiddikjara z-zwieg tagħhom mahlul ai termini tal-**Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili** u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javz lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-kontendenti biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 4 ta' Mejju 2023, a fol 19 li taqra hekk:

1. *Illi huwa jaqbel mal-premessi tal-attriċi (anness affidavit Dok A) ;*

2. *Illi m'għandu l-ebda oġġezzjoni illi ż-żwieġ tieghu mal-attriċi jiġi maħlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi huwa m'għandux ikun responsabbli għall-ispejjeż involuti;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet izzewgu nhar 28 ta' Gunju 2017, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joelle Cortis datat nhar il-11 ta' Ottubru 2022 izda ilhom separati de facto minn Novembru 2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**Christian Abela xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkorrabora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2017, liema zwieg jgib certifikat numru 1895/2017 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joelle Cortis nhar il-11 ta' Ottubru 2022 (Vide fol 5 et seqq.) izda ilhom separati de facto minn Novembru 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom

legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1895/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**